# ŻEWĠ POEŻIJIET TAL-KITTIEB MALTI
# ANTONIO CALLEJA

Dawn iż-żewġ poeżijiet bil-Malti, (1905-1906) li ġew f'ideija b'riħet it-tħabrik ta' ħabib li kien midħla sewwa ta' ANTONIO CALLEJA li kitibhom, ħriġniehom f'"Il-Malti", l-ewwelnett għaliex miktubin minn bniedem letterat li, għalkemm l-iktar magħruf bħala Mgħallem tal-Lsien Taljan, ma stmellx li jċappas il-pinna tiegħu biex 'l hawn u 'l hinn iħarbex xi versi bil-Malti wkoll, u t-tieni għaliex huma mudell

ta' dik il-poeżija maltija li minn xi ħamsin sena ilu kienet bdiet tinkiteb minn xi wħud fost in-nies letterati tal-Gżira b'daqsxejn ta' sengħa—dik is-sengħa li l-lum refgħet il-ġieħ tal-Malti bħala Lsien miktub.

Bħala kittieb qawwi ta' proża u poeżija taljana u ta' artikoli f'xi ġurnali ta' żminijietu, Antonio Calleja kien magħruf mill-aħjar kittieba Maltin, fost dawn mill-mejjet President tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti," il-Kavalier G. Muscat Azzopardi li dlonk kien imur iżuru fl-Istitut fejn huwa kien għadda l-aħħar snin ta' ħajtu.

Fost ix-xogħlijiet letterarji li ħalla Calleja nsemmu. "Elucubrazioni; La Patria; Lamento dell'Esule; Un Salmo; La Rosa Rossa (Dramma)." Skond ma stqarrli l-ħabib li newwilli dawn iż-żewġ poeżijiet, Antonio Calleja, fl-aħħar snin ta' ħajtu, kien kiteb poema bil-Malti "L-Assedju ta' Malta", li wara mewtu iktarx intilef qalb il-karti li kellu.

A. C.

## TWETTIQA

*Lil L. X.*

### ERBGĦAT

F'din id-dinja jaħbtu dejjem
  in-nies ħżiena lit-tajbin;
  dawk lil dawna dejjem jaħkmu
  tul il-jum u tul il-ħin.
Iżda billi? Fuqhom Alla,
  daka Alla minn tal-ħniena,
  illi jwieżen it-taqbida
  u jmur igħattan dawk il-ħżiena.
Għalhekk inti qawwi qalbek,
  jekk maħkum int issib ruħek,
  ftakar dejjem li dak Alla
  qiegħed fuqhom, qiegħed fuqek.
B'kemm tak Alla għin int qawwi,
  bid-dmir kollu, b'kollha saħħtek,
  u lil daka illi jaħbtek
  âr' kif inti titfa taħtek.
Iżda f'moħħok żomm int dejjem
  illi l-bniedem l'hu mirbuħ
  jinsab ħuk f'Ġesù missierna
  u bħal tiegħek ħiemda r-ruħ.

Għalhekk rażżnu int, le tagħfsu,
qis li l-qawwa ma tkunx ħarxa;
rażżnu biss, u qis li f'ruħu
ma tagħmillu l-inqas barxà.

Kif int lilek trid li jagħmlu,
miegħu mur int agħmel biss,
biex il-ħniena tiegħek sbejħa
il-qalb tiegħu fl-aħħar tmiss,

u idu f'idek imur jagħti,
hekk kif lilu inti tħalli;
għalik jitlob 'l Alla tagħna
meta Lilu jmur isalli.

Min f'dil-biċċa jkun jarakom
għat-tifħir ilsienu jħoll,
barka lilkom imur jagħti,
u, mal-barka, qima wkoll.

Wieħed igħix bil-qalb ta' l-ieħor,
fil-qalb t'Alla msaħħin,
tkunu l-għożża ta' pajjiżkom,
tkunu l-hena tal-Maltin.

CALLEJA.

# LIL ĦABIB GĦELUQ SNINU

Ħabib għidli u għidli s-sewwa,
biex is-sewwa jkun żgur miegħek.
Liema kien il-jum li hieni
għaddejt int f'dil-ħajja tiegħek?—

Jimken meta rbatt qalzietek,
u s-suf nibet taħt mnifsejk,
jew inkella meta ommok
lilek bieset fuq għajnejk?

"Le," nisimgħek jien twieġibni,
"il-jum hieni kien dak biss,
meta b'ħilti jiena lilha
le ħallejt il-għera jmiss."

"Għoxrin sena u tlieta magħhom,
batejt jien biex niġi f'dana.
Xi tgħid int, ja kittieb ħija,
li nistqarr li l-jum kien dana?—"

CALLEJA.